

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Ottubru 2012 — MIP Metro vs UASI — J. C. Ribeiro (MISS B)

(Kawża T-485/10) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali MISS B — Trade Mark nazzjonali verbali preċedenti miss H — Trade Mark internazzjonali verbali preċedenti Miss H — Trade Marks nazzjonali u internazzjonali figurattivi preċedenti Miss H. — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2012/C 373/09)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: V. Melgar u P. Guimarães, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: J. C. Ribeiro, SGPS, SA (Vergada, il-Portugall) (rappreżentant: A. Freire Pinto, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-5 ta' Awwissu 2010 (Każ R 1526/2009-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG u J. C. Ribeiro, SGPS, SA.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk tal-UASI.

(3) J. C. Ribeiro, SGPS, SA għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 346, 18.12.2010.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Ottubru 2012 — Régie Networks u NRJ Global vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-340/11) ⁽¹⁾

(“Rikors għad-danni — Għajjuna mill-Istat — Preskrizzjoni — Dannu li jagħti lok għal kumpens — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt — Nuqqas ta’ ġurisdizzjoni manifesta”)

(2012/C 373/10)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Régie Networks (Lyon, Franza) u NRJ Global (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: B. Geneste u C. Vannini, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky u S. Thomas, aġenti)

Suġġett

Rikors għad-danni ippreżentat abbażi tal-Artikolu 340 TFUE sabiex jinkiseb kumpens għad-danni li r-rikorrenti allegatament sofrew, minn naħa, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-10 ta' Novembru 1997, dwar l-għajjuna mill-Istat N 679/97, allegatament illegali u, min-naħa l-oħra, minħabba ksur allegat tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba li jirriżulta min-nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni li tirrimedja għall-effetti dannużi li kellha din id-Deċiżjoni.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Régie Networks u NRJ Global huma kkundannati għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 282, 24.09.2011.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Settembru 2012 — SFC Jardibric vs UASI — Aqua Center Europa (AQUA FLOW)

(Kawża T-417/12)

(2012/C 373/11)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: SFC Jardibric (St Jean de la Ruelle, Franza) (rappreżentant: J.-L. Fourgoux, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Aqua Center Europa, SA (Madrid, Spanja)

Talbiet

Ir-rikorreni jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-20 ta' Lulju 2012, fil-Każ R 2230/2010-4, li tiċħad l-appell mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tas-16 ta' Settembru 2010;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: Trade mark figurattiva bl-element verbali "AQUA FLOW" għal prodotti fil-klassijiet 6, 7, 9, 11, 17, 19 u 21 — trade mark Komunitarja Nru 1162064

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorreni

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: Aqua Center Europa, SA

Motivazzjoni tat-talba għal invalidità: Trade mark figurattiva nazzjonali bl-element verbali "VAQUA FLOW" għal prodotti fil-klassi 11

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: It-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità hija miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Ir-rikors huwa miċħud

Motivi invokati:

- Ksur tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni fir-rigward tal-prodotti;
- Nuqqas ta' konfużjoni bejn is-sinjali.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2012 — LVM vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-419/12)

(2012/C 373/12)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorreni: LVM Landwirtschaftlicher Versicherungsverein Münster a. G. (Münster, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Birnstiel, H. Heinrich u J.-O. Schrotz, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorreni

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Lulju 2012, li permezz tagħha ġiet miċħuda l-applikazzjoni tar-rikorreni skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ⁽¹⁾ sabiex tingħata aċċess għal ċerti dokumenti fi proċeduri ta' kartell (COMP/39.125 — Carglass)
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tagħha u kif ukoll dawk tar-rikorreni.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvolva erba' motivi.

- (1) L-ewwel motiv ibbażat fuq nuqqas ta' evalwazzjoni individwali tad-dokumenti li saret applikazzjoni għallhom.

Permezz tal-ewwel motiv, ir-rikorreni ssostni li d-deċiżjoni ma hijiex ibbażata fuq evalwazzjoni konkreta u individwali ta' kull dokument individwali. Skont ir-rikorreni, id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq kunsiderazzjoni żbaljata fid-dritt, li f'din il-kawża hemm preżunzjoni ġenerali li għandha tiġi applikata eċċezzjoni.

- (2) It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorreni ssostni li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni tagħha, immotivat iċ-ċaħda integrali tagħha tal-applikazzjoni tar-rikorreni permezz ta' evalwazzjonijiet ġenerali, u, għaldaqstant, b'mod insuffiċjenti. F'dan ir-rigward, ir-rikorreni ssostni li sar ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u, konsegwentement, nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti proċedurali sostanzjali.

- (3) It-tielet motiv ibbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-ewwel u tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001

Permezz tat-tielet motiv, ir-rikorreni ssostni li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni tal-eċċezzjonijiet elenkati fl-ewwel u fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 kienu vvizzjati fid-dritt. Skont ir-rikorreni, il-Kummissjoni tiċħad li tirrikonnoxxi li hemm relazzjoni bejn ir-regola u l-eċċezzjonijiet u tibbaża ruħha fuq interpretazzjoniestensiva wisq ta' "ħarsien tal-iskop ta' spezzjonijiet" u tal-kunċett ta' "interessi kummerċjali".

- (4) Ir-raba' motiv ibbażat fuq nuqqas ta' kunsiderazzjoni li l-implementazzjoni tad-dritt ta' kartell, li huwa dritt privat, tikkostitwixxi interess pubbliku prevalenti fis-sens tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001